**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Gunju, 2021**

**Avviz Numru: 143/2010 MLF**

**Zarb Coaches Limited**

**vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Gunju 2014 giet kjamata in kawza s-socjeta Environmental Landscapes Consortium Limited**

**PROVVEDIMENT**

Il-Qorti:

**1.** Rat ir-rikors tas-socjeta kjamata in kawza, Environmental Landscapes Consortium Limited (hawn aktar 'l isfel imsejha 'ELC') tal-11 ta' Mejju 2020, fejn ghar-ragunijiet fih premessi talbet li tigi awtorizzata minn din il-Qorti tressaq zewg eccezzjonijiet ohra fis-sens li (a) is-socjeta kjamata in kawza ma hijiex legittimu kontradittur ghall-kawza odjerna; u (b) li l-kwistjoni ta' responsabbilita milquta b'*res judicata.*

**2.** Rat ir-risposta tas-socjeta attrici Zarb Coaches Limited fejn oggezzjonat ghal din it-talba, in succint, ghas-segwenti raguni illi ELC kellha tissolleva dawn l-eccezzjonijiet *in limine litis* u ma kellha l-ebda xkiel li taghmel dan, u konsegwentement ghandha titqies li irrinzjat ghalihom.

**3.** Rat ir-risposta tal-Awtorita konvenuta fejn ukoll oggezzjonat ghal din it-talba illi wkoll issottomettiet li dawn l-eccezzjonijiet kellhom jigu sollevati in limine litis, u ma hemm ebda raguni valida ghalfejn ELC dan m'ghamlitux.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**4.** Fir-rikors taghha, is-socjeta kjamata in kawza tipprova tiggustifika l-fatt li hija ma ssollevatx dawn l-eccezzjonijiet fir-risposta taghha, ghaliex targumenta li hi ma kinietx taf bis-sentenza moghtija fl-4 ta' Ottubru 2013 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kors ta' din il-kawza, u ma gietx notifikata b'tali sentenza meta gie notifikat lilha d-digriet li laqa' l-kjamata fil-kawza taghha.

**5.** M'hemmx dubbju li s-socjeta attrici u l-Awtorita konvenuta ghandhom ragun jissottomettu li dan l-argument tas-socjeta kjamata in kawza huwa wiehed fallaci ghall-ahhar, ghaliex, indipendentement minn dak li seta' gie stabbilit o meno fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u indipendentement mill-fatt jekk ELC kienitx taf bis-sentenza o meno, ELC kellha tkun taf jekk kinietx il-legittima kontraditrici o meno tas-socjeta attrici, u allura ma kien hemm l-ebda xkiel ghaliha li tissolleva din l-eccezzjoni *in limine litis.*

**6.** Inoltre, ma jirrizulta minn l-ebda disposizzjoni tal-ligi li kien hemm xi obbligu li ELC tigi notifkata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, la fil-mument tas-sejha fil-kawza u lanqas wara. B'dak l-argument, ELC setghet talbet notifika tal-process shih u mhux tas-sentenza biss. Il-pozizjoni legali korretta hi, li ELC kellha obbligu u kull opportunita li tezamina l-atti tal-kawza, wara li giet notifikata bid-digriet tal-kjamata in kawza u qabel ma pprezentat ir-risposta taghha, sabiex b'hekk tkun taf bl-ezistenza tas-sentenza. Jekk ELC dan m'ghamlitux, dak hu rizultat ta' nuqqas taghha stess: *imputet sibi.* Dan ir-ragunament jghodd ghaz-zewg eccezzjonijiet, kemm dik tan-nuqqas ta' interess guridiku, kif ukoll dik tar-*res judicata*. Ghalhekk is-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta

li ma kienitx konsapevoli tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, u li kien ghalhekk li qed jissolleva dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri f'dan l-istadju, hi rigettata.

**7.** Pero, dan in-nuqqas ingustifikat ta' ELC li tissolleva dawn l-eccezzjonijiet *in limine litis* fir-risposta taghha, ma jfissirx necessarjament li ELC ghandha titqies li rrinunzjat ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**8.** Iz-zewg eccezzjonijiet huma ta' natura perentorja li jistghu jigu sollevati f'kull stadju tal-proceduri.

**9.** Il-kwistjoni ta' f'liema stadju waqt il-kawza meta jistghu jitressqu eccezzjonijiet huwa regolat fid-disposizzjonijiet migbura fis-Subtitolu I tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Din il-Qorti, kif preseduta, hija konxja li dawn id-disposizzjonijiet mhux dejjem gew interpretati b'mod uniformi minn dawn il-Qrati, pero hija ser is-segwi il-gurisprudenza li fl-opinjoni taghha tirrifletti b'mod l-iktar fidil l-intenzjoni tal-legislatur.

**10.** L-Artikolu 728 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Din hija r-regola generali.

**11.** Fis-sentenza **Sunspot Tours Limited vs C.H. Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell spjegat il-posizzjoni legali hekk:

**12.** *"Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet:*

1) *id-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta; u*

2) *id-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghataw f'kull waqt tal-*

*procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjonijiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri.*

**13.** *L-Artikolu 731 li jitkellem dwar dawk l-eccezzjonijiet li, b'disposizzjoni espressa tal-ligi, jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il-kazi l-provvediment ta' l-Artikolu 728 ma jghoddux. Dan jfisser li meta, waqt is-smiegh tal-kawza, tinqala l-htiega li tinghata eccezzjoni perentorja jew kull eccezzjoni ohra li, b'disposizzjoni espressa tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tista` tinghata f'kull waqt tal-procedimenti, inkluzi dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza, ma jkunx mehtieg li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 728, u konsegwentment hija eskluza kull diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li tezamina jekk kienx hemm raguni valida l-ghaliex tali eccezzjoni ma tkunx inghatat fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta. Dan ghaliex l-eccezzjonijiet perentorji ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri, u l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza qatt ma' setghu jitressqu fi stadju tal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet. In oltre, skond l-Artikolu 732, l-eccezzjonijiet ta' natura perentorja jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad. L-indagini tal-Qorti f'dawn il-kazi ghandha tkun limitata biex tistabilixxi jekk verament tali eccezzjonijiet humiex ta' natura perentorja jew jekk il-htiega taghhom inqalatx waqt il-proceduri. Tista` se mai, fil-kaz ta' eccezzjonijiet perentorji li jinghataw fil-mori tal-proceduri, tordna temperament fil-kap ta' l-ispejjez kemm-il darba jirrizulta li l-ostakolu ghal dawk il-proceduri kien pre-ezistenti l-prezentata tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta."*

**14.** Gie diversi drabi ritenut li b'eċċezzjoni dilatorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni li hija maħsuba li ttawwal jew tissospendi l-mixja 'l quddiem ta' kawża, filwaqt li b'eċċezzjoni perentorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni maħsuba li toqtol l-azzjoni. Din il-Qorti hija konxja wkoll li l-gurisprudenza ma hijiex dejjem konsistenti dwar liema huma l-eccezzjonijiet dilatorji u liema huma l-eccezzjonijiet perentorji. Ghal fini ta' dan id-digriet, mhix se tidhol fil-kwistjoni akkademika tas-suggett, imma din il-Qorti ser ticcita u ssegwi dawk il-brani mill-kazistika li fl-opinjoni taghha tati l-interpretazzjoni l-iktar fidila lid-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi u l-intenzjoni tal-legislatur.

**15.** Ghalhekk, il-kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hija jekk l-eccezzjoni li l-konvenut, f'dan il-kaz il-kjamat in kawza, mhux il-legittimu kontradittur u l-eccezzjoni tar-res gudikata humiex eccezzjonijiet perentorji jew eccezzjonijiet dilatorji.

**16.** Fis-sentenza **John Bonnici nominee vs Mark Anastasi et** deciza fil-21 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-eccezzjoni ulterjuri li l-konvenut ma kienx il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici, hi wahda ta' natura perentorja. Il-Qorti tal-Appell osservat hekk: *"Kien ikun aktar preciz li kieku ikkwalifika l-eccezzjoni bhala li hu ma kienx il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici in kwantu l-kontrattazzjoni mertu tal-kawza hu allegat li saret ma'-socjeta ohra u mhux ma dik konvenuta. Hu ovvju ... ... illi l-perentorjeta ta' l-eccezzjoni temani mill-fatt illi jekk din l-eccezzjoni tigi milqugha, l-mertu tal-kawza jigi pernt b'mod definit u ma jkunx jista' jigi propost mill-gdid <u>kontra l-istess konvenut nomine</u>."*

**17.** Bl-istess mod, jekk l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tigi milqugha minn din il-Qorti, l-mertu tal-kawza jigi pernt b'mod definit fil-konfront tas-socjeta attrici, u s-socjeta attrici ma tistax tipproponi azzjoni mill-gdid kontra s-socjeta kjamata in kawza.

**18.** Rigward l-eccezzjoni tar-*res judicata*, fis-sentenza **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited**, fuq citata, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-eccezzjoni tar-*res judicata* hija *"strettament ta' natura perentorja"*. (ara fl-istess sens is-sentenza **Walter Thomas Jeffrey vs Publio Stellini** deciza fit-12 ta' Mejju 1950 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali). Din l-eccezzjoni hija wahda perentorja ghax tolqot il-gudizzju b'mod li timpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jigu moghtija minn zewg tribunali diversi, zewg sentenzi li jistghu anku jkunu inkonciljabbli.

**19.** Huwa vera li ghal xi raguni, is-socjeta kjamata in kawza ipprevaliet ruhha mid-disposizzjonijiet tas-sub-inciz (2) ta' l-Artikolu 728 billi bir-rikors fuq imsemmi talbet l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex tipprezenta dawn iz-zewg eccezzjonijiet. Dan il-fatt jindika li s-socjeta kjamata in kawza jindika li lanqas hija ma tqis li dawn iz-zewg eccezzjonijiet kienu ta' natura perentorja, u dan għaliex il-permess ta' qorti għat-tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri jgħodd fil-każ ta' eċċezzjonijiet li m'humiex dawk perentorji, stante li l-eccezzjonijiet perentorji jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża, minghajr il-htiega tal-permess preventiv tal-Qorti.

**20.** Dan nonostante, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, huwa fid-dover taghha li thares lejn in-natura vera ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet – indipendentement mil-mod kif gew prezentati lilha mis-socjeta kjamata in kawza. In vista tal-fatt li ghar-ragunijiet fuq esposti, dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma ta' natura perentorja, b'rispett lejn dak preskritt fl-Artikolu 732(1) fuq citat, it-talba tas-socjeta kjamata in kawza se tigi ammessa.

**Konkluzjoni**

**21.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta kjamata in kawza Environmental Landscapes Consortium Limited tal-11 ta' Mejju 2020, u qed tawtorizzaha tressaq zewg eccezzjonijiet ohra fis-sens li (a) is-socjeta kjamata in kawza ma hijiex legittimu kontradittur ghal kawza odjerna; u (b) li l-kwistjoni ta' responsabbilita hija milquta b'*res judicata.*

**22.** L-ispejjez ta' dan l-incident ghandhom jigu subiti mis-socjeta kjamata in kawza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**